**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**Sentenza**

Mogħtija illum is-Sibt, tnejn (2) ta' Novembru 2024

Kawża Nru

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christian Cauchi)**

Vs

**Clinton Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Clinton Caruana** ta' tnejn u erbgħin (42) sena, iben Nazzareno Caruana u Carmena Caruana nee Schembri, imwieled Pieta, Malta nhar is-sebgħa (7) ta' Lulju 1982 u residenti ġewwa l-fond bl-indirizz numru sbatax (17), "St Rita", Triq id-Disgħa ta' April, Luqa, u/jew fi bnadi oħra ġewwa l-gżejjer Maltin:

(1) ikkaġuna lis-sieħba tiegħu Kim Lucia li tiġi omm it-tliet uliedu biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti tagħha aħwa subien jew bniet, liema delitt hu aggravat billi twettaq kontra il-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel;[1]

(2) u aktar talli nhar bejn il-lejl tal-Ħamis wieħed u tletin (31) ta' Ottubru 2024 għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija (23:00hrs) u l-Ġimgħa l-ewwel (1) ta' Novembru għall-ħabta ta' nofs il-lejl (00:00hrs) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel jew ta' wara dan ġewwa r-residenza fond numru 17, St Rita', Triq id-disgħa ta' April Ħal Luqa u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-gżejjer Maltin għamel inġurji jew theddid lil Kim Lucia liema inġurji mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien pprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;[2]

(3) u aktar talli nhar il-Ħamis erbgħa u għoxrin (24) ta' Ottubru 2024 għall-ħabta tal-ħdax ta' flgħaxija (23:00hrs) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel dan mingħajr ma dorob jew sawwatt, hedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin jew waddabhom, jew qabad armi oħra kontra Kim Lucia;[3]

---

[1] Artikoli 251(3), 251H(a), 251HA tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9.
[3] Artikolu 339(1)(b) tal-Kap. 9.

(4) u aktar talli fl-ewwel (1) ta' Novembru 2024 u/jew fix-xhur, ġimgħat u/jew ġranet ta' qabel dan ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta kkondizzjonata b'sentenza deċiza nhar il-ħamsa (5) ta' Ottubru 2024 mill-Maġistrat Dr Rachel Montebello LL.D;[4]

(5) u aktar talli fl-istess perjodu ġewwa dawn il-gżejjer Maltin kiser il-kondizzjonijiet tal-obbligazzjonijiet tiegħu imposti fuqu nhar il-ħamsa (5) ta' Ottubru 2024 mill-Maġistrat Dr Rachel Montebello LL.D li ma jimmolestjax, ma jdejjaqx u ma jħebbx għal Kim Luċia taħt penali ta' elfejn euro (€2,000) għal żmien tnax –il xahar mis-sentenza ta' nhar il-ħamsa (5) ta' Ottubru 2024.[5]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża kontra Clinton Caruana għal benefiċċju ta' Kim Lucia u l-familjari tagħha u dan ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta**.**

Il-Qorti ġiet wkoll ġentilment mitluba li f'kaz ta' ħtija, jiġu applikati l-provedimenti tal-Artikoli 382A u 383 tal-Kodici kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet wkoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundana lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-

[4] Artikolu 22 tal-Kap. 446.
[5] Aritkolu 387 tal-Kap. 9

esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 532A, 532B u/jew 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Uffiċjali Prosekuturi;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali mogħti illum stess sabiex dan il-każ jiġi trattat u deċiż bi proċedura sommarja;

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' din l-ammissjoni l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u tatu żmien xieraq sabiex jerġa' jikkunsidra mill-ġdid l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li ma teżisti l-ebda raġuni tajba in linea ma' dak stabbilit fl-artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita jekk ir-reati ġewx tassew magħmula jew tiddubita jekk l-akkużat hux ħati tar-reati addebitati lilu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jittrattaw fuq il-piena;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru 2024, l-akkużat u s-sieħba tiegħu (il-parte civile Kim Lucia) irritornaw lura d-dar wara li kienu għadhom kemm attendew għall-attivita b'rabta mal-*Halloween*. X'ħin irritornaw id-dar, inqala' argument bejniethom u l-akkużat beda jgħajjar u joffendi lill-parte civile. Sussegwentement huwa telaq 'l barra mir-residenza. Hekk kif il-parte civile u uliedha kienu sejrin jorqdu, l-akkużat irritorna lura d-dar u reġa' beda jargumenta mal-parte civile. Huwa imbagħad beda jinsisti magħha biex hija t-tfal jitilqu barra mid-dar u beda jgħidilha li kien se joqtolha. Huwa fil-fatt mar fis-sodda fejn kienet il-parte civile, ġibdilha xagħarha u tajrilha l-liżar. Il-parte civile ċemplet lill-Pulizija u flimkien ma' uliedha ħarġet mid-dar tar-residenza. Hija inġabret mill-Pulizija li waslu fuq il-post fi ftit ħin u l-parte civile flimkien ma' uliedha ittieħdet fis-sezzjoni tal-Vjolenza Domestika.

Hija u tirrapporta dak li kien seħħ, il-parte civile qalet wkoll lill-Pulizija li fit-tlieta (3) ta' Ottubru 2024, l-akkużat kien anke qabad arma li għandu d-dar u poġġieha taħt għonqu u qalilha li kien se joqtol lilu inniffsu u li t-tfal ma kinux sejrin jarawh aktar. Semmiet wkoll inċident ieħor li kien seħħ fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ottubru 2024 fejn l-akkużat kien anke xeħet ħadida tal-mogħdija fid-direzzjoni tagħha u l-ponta tagħha laqtet lill-parte civile f'rasha.

Ikkunsidrat:

In vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib lil-akkużat ħati tal-akkużi kollha li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu.

In oltre, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, billi l-akkużat qiegħed jammetti wkoll l-akkuża numru erbgħa (4), u cioe` li wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberazzjoni kondizzjonata imposti fuqu b'sentenza mogħtija nhar il-ħamsa (5) ta' Ottubru 2024 mill-Maġistrat Dottor Rachel Montebello, din il-Qorti sejra wkoll titratta miegħu għall-akkużi li dwarhom kien tpoġġa' taħt tali ordni daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti għal dawk l-akkużi.

Għall-fini ta' piena għalkemm ġie suġġerit li l-akkużat jitpoġġa taħt ordni ta' probation, din il-Qorti ma taqbilx għar-raġuni li ġia kien hemm inċidenti simili fil-ġimgħat li għaddew. Infatti l-imputat ġia tressaq il-Qorti fuq akkużi simili ta' vjolenza domestika. Huwa ammetta l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u kien ġie liberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor. L-imputat jidher li assolutament ma tgħallem xejn u infatti qed jerġa jitressaq illum b'akkużi identiċi. Jidher wkoll li huwa qed iħalli l-problema tax-xorb tikkontrollah u s-sors ta' dawn l-inċidenti hija propju din il-problema tax-xorb.

Huwa minnu li l-artikolu 28(7)(c) tal-Kap. 9 ma jippermettix li tingħata sentenza sospiża ta' priġunerija f'ċirkostanzi fejn ikun hemm ksur tal-

artikolu 22 tal-Kap. 446. Pero minn dak sottomess mill-partijiet partikolarment il-fatt li l-aġir tal-akkużat jidher li huwa attribwit għall-fatt li huwa għandu problema tax-xorb u li jeħtieġ li huwa jingħata għajnuna biex isolvi din il-problema, il-Qorti temmen li għandha teroga piena li hija iżgħar minn dik li hija applikabbli u ċioe li għandha tmur għal sentenza sospiża ta' ħabs milli sentenza ta' priġunerija effettiva. Dan biex il-ħati jingħata l-aħħar ċans li jindirizza l-problema tax-xorb tiegħu fi sforz sabiex jirriforma ruħu. Huwa għal din ir-raġuni wkoll li l-Qorti sejra toħroġ wkoll ordni ta' trattament fil-konfront tal-akkużat. Apparti minn hekk il-Qorti lanqas ma tista' tinjora l-fatt li l-akkużat ammetta għall-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu mal-ewwel opportunita li huwa kellu.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 250(1), 251(3), 251H(a), 251HA, 339(1)(b), 339(1)(e) u 387 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 22 u 23(1)(a) tal-Kap 446 qed issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u qiegħda tikkundannah għall-perijodu ta' sena (1) priġunerija, liema perijodu ta' priġunerija bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 qed jiġi sospiż għal sentejn mil-lum.

A tenur tal-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilita tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap.

9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija matul il-perijodu operattiv tas-sentenza.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati Clinton Caruana u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb il-problemi relatati mal-vizzju tax-xorb, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament **<u>għal perjodu ta' tlett (3) snin</u>** mil-lum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma' din is-sentenza, liema digriet għandu jitqies li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti qiegħda tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Wara li rat l-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u peress li jeżistu r-raġunijiet indikati fl-artikolu 412C(1) tal-istess Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ ordni ta' trażżin fil-konfront tal-ħati u dan sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-**<u>vittma Kim Lucia</u>**. L-ordni qed tiġi magħmula **<u>għal żmien tlett (3) snin mil-lum</u>** taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħti kontestwalment ma' din is-sentenza. Il-Qorti

fehmet lill-ħati bil-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw jekk huwa jikser tali ordni ta' trażżin.

Finalment wara li rat l-artikolu 387(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qed tordna li s-somma ta' elfejn ewro (€ 2,000) li għaliha l-ħati kien obbliga ruħu fit-termini tas-sentenza tal-ħamsa (5) ta' Ottubru 2024 mogħtija mill-Maġistrat Dr Rachel Montebello tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**